

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' Awwissu 2012 — Leiner vs UASI — Recaro (REVARO)**

(Kawża T-349/12)

(2012/C 287/70)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Rudolf Leiner GmbH (Sankt Pölten, l-Awstrija) (rappreżentanti: W. Emberger, I. Rudnay u L. Emberger, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Recaro Beteiligungs GmbH (Kaiserslautern, il-Ġermanja)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- temenda d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-16 ta' Mejju 2012 fil-Każ R 482/2011-1 sabiex jiġi ppreżentat l-appell, jew alternattivament, tannulla d-deċiżjoni;
- tikkundanna lill-konvenut u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali li tinkludi l-element "REVARO", għal prodotti fil-klassijiet 11, 20 u 24

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Recaro Beteiligungs-GmbH

*Trade mark jew sinjal invokat:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali "RECARO" għal prodotti fil-klassijiet 10, 12, 14, 20, 25 u 28

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2012 — Formica vs UASI — Silicalia (CompactTop)**(Kawża T-82/11) <sup>(1)</sup>

(2012/C 287/71)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 113, 09.04.2011.